A.L. 321 ta' l-2006

ATT DWAR IL-KUMMERĊ TA' L-ASSIGURAZZJONI (KAP. 403)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Avviż Statutorju dwar il-Kuntratt ta' Kummerċ fit-Tul)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 44 u 64 ta' l-Att dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Avviż Statutorju dwar il-Kuntratt ta' Kummerċ fit-Tul), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kummerċ ta' l-Assigurazzjoni (Avviż Statutorju dwar il-Kuntratt ta' Kummerċ fit-Tul), hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 106 ta' l-2000.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 2007.

Emenda tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "l-Awtorità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul" tfisser kuntratt ta' assigurazzjoni li jaqa' taħt il-klassi III tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att;";

(b) fit-tifsira "kuntratt ta' kummerċ fit-tul", minflok il-kliem "klassi ta' kummerċ fit-tul, minbarra l-klassi III, *linked long term*," għandhom jidħlu l-kliem "klassi ta' kummerċ fit-tul".

Emenda tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Avviż statutorju huwa avviż li:

(a) dwar kuntratti ta' kummerċ fit-tul, ħlief kuntratti ta' assigurazzjoni marbutin fit-tul jkun fih dawk il-ħwejjeġ (u xejn aktar) u jkollu dik l-għamla murija fl-Ewwel Skeda u jkun konformi mal-ħtiġijiet speċifikati fis-subregolamenti li ġejjin;

(b) dwar kuntratti ta' assigurazzjoni marbutin fit-tul jkun fih dawk il-ħwejjeġ (u xejn aktar) u jkollu dik l-għamla murija fit-Tieni Skeda u jkun konformi mal-ħtiġijiet speċifikati fis-subregolamenti li ġejjin; u

(ċ) f'kull każ, ikollu anness miegħu formula ta' avviż ta' kanċellament kif tidher fit-Tielet Skeda.";

(b) fis-subregolament (4) tiegħu, minflok il-kliem "muri fl-Ewwel Skeda (u sa fejn ikollu x'jaqsam ma' l-avviż ta' kanċellament, ta' dak muri fit-Tieni Skeda)", għandhom jidħlu il-kliem "muri fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda, skond il-każ (u sa fejn ikollu x'jaqsam ma' l-avviż ta' kanċellament, ta' dak muri fit-Tielet Skeda)"; u

(ċ) fis-subregolament (5) tiegħu, minflok il-kliem "murija fl-imsemmija l-Ewwel Skeda" għandhom jidħlu il-kliem "murija fl-Ewwel jew fit-Tieni Skeda".

Emenda tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (4) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ikollu effett biex iħassar il-kuntratt" għandhom jidħlu il-kliem "bħallikieku l-kuntratt qatt ma kien maħruġ jew iffirmat mill-assiguratur."

(b) fis-subregolament (5) tiegħu,

(i) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "għandu jingħata lura minn dik il-persuna lill-assiguratur." għandhom jidħlu il-kliem "għandu jingħata lura minn dik il-persuna lill-assiguratur;"

(ii) minnufih wara il-paragrafu (b) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej :

"(ċ) kull ċaqlieq fis-suq fil-valur tal-proprjeta' rappreżentat minn kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul għandu jiġġarrab mill-klijent li jagħti l-avviż ta' kanċellament.".

5. Minnufih wara s-subregolament (4) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, għandu jiżdied dan is-subregolament ġdid li ġej: Emenda tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċiplali.

"5. Fil-każ li l-assiguratur jallega li d-dritt ta' kanċellament ma kienx eżerċitat mill-parti fil-perjodi stabbiliti b'dawn ir-regolamenti, il-piż tal-prova għandu jaqa' fuq l-assiguratur.".

6. Fil-paragrafu 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "li miegħu sar/ser isir" għandhom jidħlu il-kliem "li miegħu sar". Emenda ta' l-Ewwel Skeda mar-regolamenti prinċiplali.

7. (1) It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolament prinċipali għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala t-Tielet Skeda. Enumerazzjoni mill-ġdid tat-Tieni Skeda u żieda tat-Tieni Skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

(2) Minnufih wara l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din it-Tieni Skeda ġdida li ġejja:

"It-TIENI SKEDA
(Regolament 3)

KUNTRATTI TA' ASSIGURAZZJONI MARBUTIN FIT-TUL - AVVIŻ STATUTORJU

Lil: .....
(Niżżel l-isem u l-indirizz tal-persuna li lilha jintbagħat dan l-Avviż.)

IMPORTANTI - AQRA TAJJEB DAN L-AVVIŻ

GĦANDEK DRITT TIBDEL FEHEMTEK

.....
(Identifika l-kuntratt li għandu x'jaqsam miegħu l-avviż jew għid kif jista' jkun identifikat, bħal b'referenza għal nota li tkun mal-kuntratt)

1. Int għamilt biex tagħmel Kuntratt ta' Assigurazzjoni Marbut fit-Tul ma'

.....

.....
(L-isem u l-indirizz ta' l-assiguratur li miegħu sar il-kuntratt).

2. L-iskop ta' dan l-Avviż Statutorju hu li jiżgura li int taf li għandek dritt legali li terġa' taħsibha u li jekk tkun trid tista' tibdel fehemtek.

Punti li għandek tqis

3. Qabel tiddeċiedi jekk tridx tibdel fehemtek, staqsi lilek innifsek:

* Jekk ingħatajt parir personali fuq l-investiment jew polza ta' assigurazzjoni tiegħek, int ċert jekk dak il-parir ingħatax minn persuna indipendenti li taħdem f'ismek jew minn xi ħadd li jirrappreżenta lill-assiguratur

* Int ingħatajt l-informazzjoni kollha li teħtieġ biex tkun tista' tifhem x' investiment jew polza ta' assigurazzjoni qiegħed tagħmel

* Tinsab sodisfatt li l-investiment jew il-polza ta' assigurazzjoni huma adatti għall-ħtiġiet tiegħek?

* Ngħidu aħna tifhem int:
- kemm se tħallas issa u fil-futur?
- x'benefiċċji jitħallsu taħt il-polza - sew fi tmiem żmien il-polza sew jekk int tmut qabel ma jagħlaq żmien il-polza?

Tifhem ukoll safejn huma garantiti l-benefiċċji u safejn jiddependu minn kemm imur tajjeb jew ħażin l-investiment jew il-polza ta' assigurazzjoni ?
- tifhem li jekk twaqqaf il-polza fis-snin tal-bidu tista' titlef il-flus?
- tifhem l-effett li xi spejjeż jew ħlasijiet ikollhom fuq l-investiment jew fuq il-polza ta' assigurazzjoni tiegħek?

Jekk it-tweġiba għal xi waħda minn dawn il-mistoqsijiet hija LE, int għandek tikkonsulta lill-konsulent jew lill-assiguratur tiegħek kemm jista' jkun malajr. M'hemm ebda estensjoni għall-perjodu ta' tħassir jekk tistaqsi għal aktar informazzjoni jew jekk it-tweġiba tittardja.

Id-dritt tiegħek li tirtira mill-operazzjoni

4. Il-liġi tagħtik 30 ġurnata, li jibdew għaddejjin mill-ġurnata meta int tingħata dan l-avviż, biex terġa' tqis l-affari u, jekk tkun trid, tirtira mill-operazzjoni.

5. Jekk trid tibqa' għaddej bl-operazzjoni, m'għandek tagħmel xejn bl-avviż ta' kanċellament mehmuż. Iżda jekk int tkun trid tirtira u tingħata lura l-flus li int ħallast lill-assiguratur jew lir-rappreżentant tiegħu f'konnessjoni mal-kuntratt, int għandek tagħti avviż ta' kanċellament (jew fuq il-formola mehmuża ma' dan l-avviż jew inkella bil-miktub fl-istess sens) lill-assiguratur li l-partikolaritajiet tiegħu qegħdin jingħataw fil-paragrafu 1 ta' dan l-avviż fi żmien 30 ġurnata:

Iżda int ikollok tħallas lura kull ammont diġà mħallas lilek mill-assiguratur jew mir-rappreżentant tiegħu taħt il-kuntratt, u kull ċaqlieq negattiv fis-suq fil-valur tal-proprjetà li hemm indikata fill-kuntratt ikun għar-riskju tiegħek.

Riċevuta

6. Int mitlub tavża li rċevejt dan l-avviż billi tiffirma l-formola mehmuża hawn taħt flimkien ma' dan l-avviż.

.....
(Iffirmat)

.....
(Isem b'ittri kapitali)

.....
(Kariga)

KUN ŻGUR LI ŻŻOMM GĦANDEK DAN L-AVVIŻ U LI TIBGĦAT LURA BISS KOPJA TIEGĦU, IFFIRMATA U DATATA KIF IMISS, LILL-PERSUNA LI INNOTIFIKATEK BIHA.

RIĊEVUTA

Jien, hawn taħt iffirmat, b'dan niddikjara li ngħatajt Avviż Statutorju li għandu x'jaqsam mal-kuntratt ta' assigurazzjoni marbut fit-tul, li dan li jidher hawn qabel hu kopja tiegħu.

.....
(Iffirmat)

.....
(Isem b'ittri kapitali)

.....
(Data)".